StudentBounty.com

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2011

IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI SIEGĦA U KWART

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

TOTAL MARKI



AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi.
- TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

**A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti fil-kaxxa. L-istampi qegħdin hemm biex jgħinuk. Ħares lejn l-eżempju:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **temperatura** | **nuċċali** | **ġakketta** | **ħfief** | **riħ** | **xalla** |
| | **beritta** | **siġar** | **rebbiegħa** | **umbrella** | **silġ** |

**0.** F'Malta fis-sajf **it-temperatura** ġieli togħla aktar minn 35 grad Celsius.

1. Meta t-temp ikun imsaħħab, miegħi nieħu l-________________ biex ma nixxarrabx meta tagħmel ix-xita.



2. Meta tkun ix-xita nilbes il- __________________ u l-buz.



3. Meta tkun ħafna kesħa nilbes il-kowt, ix- _____________ m'għonqi, il- ________________ f'rasi u l-ingwanti f'idejja.

4. F'Malta ġieli tagħmel ħafna xita imma rari li jagħmel is- __________.



5. Fil-ħarifa jkun ħafna _____________ u ħafna weraq jaqgħu mis- _________________.

6. Fis-sajf nilbes ħwejjeġ _______________ biex intaffi mis-sħana.



7. Meta nkun ħdejn il-baħar nara li nilbes kappell u _______________.

8. Is-siġar itellgħu weraq ġdid fl-istaġun tar- ___________________.





**(10 x marka = 10 marki)**

**B (i) Ikteb l-isem tal-istrument tat-temp.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-pluvjumetru | Il-pinnur | L-anemometru | It-termometru |



www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
|  |  |
| 1. | 2. |
|  |   |
| 3. | |

**(4 X marka = 4 marki)**

**B (ii) Issa kompli dawn is-sentenzi biex turi li taf għal xiex jintuża kull strument.**

1. It-termometru jintuża biex ______________________________________.
2. L-anemometru jintuża biex ______________________________________.
3. Il-pinnur jintuża biex ______________________________________.
4. Il-pluvjometru jintuża biex ______________________________________.

**(4 x marka = 4 marki)**

**Ċ. Wieġeb bil-għajnuna tal-pjanta.**

a. 

b. 





www.StudentBounty.com




1. Rachel bdiet miexja bil-kelb tagħha lejn il-baħar; lejn liema direzzjoni sejra?

   ________________

2. Rachel sejra timxi fil-ġnien pubbliku; lejn liema direzzjoni sejra?

   ________________

3. Rachel sejra l-għalqa fejn hemm il-baqar. Lejn liema direzzjoni sejra?

   ________________

4. Liema direzzjoni trid tmur Rachel biex tmur għand in-nanna?

   ________________

5. Issa fadal erba' direzzjonijiet oħra. Dawn huma: **TRAMUNTANA, MAJJISTRAL, XLOKK u LVANT.** Ikteb dawn l-erba' direzzjonijiet fil-kaxxi li hemm fil-pjanta.

**(8 X marka = 8 marki)**

**D. Pinġi 5 kaxxi li fihom hemm kliem li għandu x'jaqsam ma' Malta.**



www.StudentBounty.com




| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| muntanji | merill | vulkani | bandiera Maltija | Innu Malti |
| għargħar | deżert | xmajjar | ġemel | Widnet il-Baħar |

**(5 X marka = 5 marki)**



**E. Ikteb <u>TAJJEB</u> jew <u>ĦAŻIN</u> ħdejn kull sentenza. Ħares lejn l-eżempju:**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Għandna noħorġu ż-żibel barra mikxuf biex nitimgħu l-klieb u l-qtates ta' barra.** | **ĦAŻIN** |
| 1. | Għandna nħallu l-kelb tagħna jħammeġ it-triq. | |
| 2. | Naqsmu t-triq minn fuq l-istrixxi bojod u suwed. | |
| 3. | Nistennew biex naqsmu jekk id-dawl tat-traffiku jkun aħdar. | |
| 4. | Għandna ninżlu mill-karozza qabel ma tieqaf. | |
| 5. | Insemmu t-toroq għal xi persuna importanti. | |
| 6. | Jekk m'hemmx bogħod fejn sejrin nistgħu nimxu. | |
| 7. | Nużaw il-karozza tal-linja flok il-karozza tagħna. | |
| 8. | Jekk jonqos it-traffiku fit-toroq, jonqos ukoll id-duħħan. | |
| 9. | Naqsmu t-triq mingħajr ma nħarsu lejn il-lemin jew lejn ix-xellug. | |
| 10. | Minflok fuq il-bankina nimxu f'nofs ta' triq. | |

**(10 X marka = 10 marki)**

**F. Min jien?**



www.StudentBounty.com

**Il-kliem fil-kaxxi juru rwoli differenti fis-soċjetà. Daħħal dan il-kliem fil-vojt.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Għalliem | Pulizija | Dentist | Infermiera | Membru tal-Parlament Ewropew |
| Saċerdot | Sindku | Bidwi | President | Pustier |







1. Jien immexxi l-Kunsill Lokali. ________________
2. Jien naħdem fl-għelieqi biex inkabbar il-ħxejjex u l-frott. ________________
3. Jien ngħallem lit-tfal. ________________
4. Jien inwassallek l-ittri d-dar. ________________
5. Jien inżomm l-ordni fil-pajjiż. ________________
6. Jien neħodlok ħsieb snienek. ________________
7. Jien inqaddes il-quddies, inqarar u nqarben. ________________
8. Jien nirrappreżenta lil Malta fil-Parlament Ewropew. ________________
9. Jien ngħin lit-tabib biex infejjaq il-morda. ________________
10. Jien il-Kap ta' Malta u niffirma l-liġijiet tal-Parlament. ________________

**(10 X 1 marka = 10 marki)**

**Ġ.** **L-istampi t'hawn taħt għandhom jgħinuk biex twieġeb il-mistoqsijiet.**

1. Għada t-tfal tal-klassi tar-raba' sena ta' Mr. Borg sejrin ħarġa sal-Buskett. Jixtiequ jkunu jafu kif se jkun it-temp. Semmi żewġ mezzi li bihom tista' tkun taf dan?









www.StudentBounty.com



(a) ______________________

(b) ______________________

2. Kien hemm aċċident ikrah bejn żewġ karozzi. Sewwieq minnhom korra gravi. Liema mezz ta' komunikazzjoni trid tuża biex l-ambulanza tasal malajr?

(a) ______________________

3. Claire tixtieq tibgħat messaġġ liz-zija li toqgħod l-Awstralja. Kif tista' Claire tikkomunika maz-zija?

(a) ______________________

(b) ______________________



4. Liema hu l-mezz ta' komunikazzjoni li fih trid tisma' biss?

______________________

5. Semmi xi mezzi ta' komunikazzjoni li jistgħu jagħtuna l-aħbarijiet ta' kuljum.

(a) ____________________ (b) ____________ (ċ) ____________________

6. Semmi mezz ta' komunikazzjoni li ħafna nies jixtru kuljum biex jaqraw l-aħbarijiet. (a) ____________________

**(10 x marka = 10 marki)**

**G (i) Kif għandna nġibu ruħna mal-oħrajn?**
**Agħmel √ fil-kaxxa ħdejn is-sentenza t-tajba. Ara l-eżempju.**

**Eżempju: Fil-knisja**

| | | |
|---|---|---|
|  | (a) Waqt il-quddies noqgħod nitkellem ma' sħabi. | |
| | (b) Inġib ruħi tajjeb u nieħu sehem f'kull ma jkun qed isir. | √ |



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| | (ċ) Nilbes imqaċċat qisni sejjer il-baħar. | |

**1. Mal-ġenituri:**

| | | |
|---|---|---|
|  | (a) Inħobb lill-ġenituri meta jixtruli dak kollu li rrid. | |
| | (b) Ngħin lill-ġenituri meta jkolli aptit biss. | |
| | (ċ) Ngħin lill-ġenituri meta jkun hemm bżonn. | |

**2. Fil-klassi:**

| | | |
|---|---|---|
|  | (a) Nirrispetta lill-għalliema u lit-tfal kollha. | |
| | (b) Noqgħod indaħħak lil sħabi waqt il-lezzjoni. | |
| | (ċ) Waqt il-brejk nagħżel lil min irrid biex jilgħab miegħi. | |

**3. Mal-ħbieb:**

| | | |
|---|---|---|
|  | (a) Nikkopja l-imġiba ħażina ta' sħabi. | |
| | (b) Noqgħod waħdi fil-brejk biex ħadd ma jdejjaqni. | |
| | (ċ) Nagħżel ħbieb onesti li lesti li jgħinu. | |

**4. Fir-raħal fejn noqgħod:**

| | | |
|---|---|---|
|  | (a) Nidħol membru f'xi għaqda u nattendi għal-laqgħat. | |
| | (b) Indoqq l-isterjo b'volum qawwi. | |
| | (ċ) Inċempel il-qniepen tal-bibien u nitlaq niġri. | |

**5. Ħdejn il-baħar:**



www.StudentBounty.com



| | | |
|---|---|---|
| | (a) Narmi l-qxur tal-frott fuq ir-ramel. | |
| | (b) Nieħu gost ngħum mingħajr ma ndejjaq lil ta' madwari. | |
| | (ċ) Noqgħod inxarrab lin-nies li jkunu qed jixxemmxu. | |

**6. Meta mmur nimxi fil-kampanja:**

| | | |
|---|---|---|
| | (a) Nimxi mill-mogħdijiet u ma nagħmilx storbju biex ma nbeżżax l-annimali. | |
| | (b) Inqaċċat il-fjuri u nagħmel ħsara lis-siġar. | |
| | (ċ) Noqgħod naqla' l-ġebel tal-ħitan tas-sejjieħ. | |

**(6 x marka = 6 marki)**

**GĦ. Ikteb DRITT jew DMIR ħdejn kull waħda. Ara l-eżempju.**

| **Eżempju:** | **Innaddaf wara l-kelb tiegħi.** | **DMIR** |
|---|---|---|
| 1 | Nattendi l-iskola biex nitgħallem. | |
| 2 | Ikolli ħin għal-logħob u l-mistrieħ. | |
| 3 | Nagħmel ix-xogħol kollu li tagħtini l-għalliema. | |
| 4 | Ngħin lil min hu inqas ixxurtjat minni. | |
| 5 | Il-ġenituri jeħduni għand tabib meta nkun marid ħafna. | |

**(5 x marka = 5 marki)**

**Ħ. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju. L-istampi mogħtija biex jgħinuk.**






www.StudentBounty.com

0. (Ir-riħ, Is-sħab, **<u>Ix-xemx</u>)** tiġbed ħafna ilma minn wiċċ il-baħar.

1. Dan l-ilma jitla' 'l fuq u jinġabar f'(ċpar, sħab, arja).

2. Wara s-sħab jimxi (bix-xita, bis-silġ, bir-riħ).

3. Sħab (abjad, griż, ċelesti) ikun mimli bl-ilma.

4. Ħafna (sħana, xita, borra) terġa' tinżel fuq l-art, l-għelieqi u l-widien.

5. Xi ilma jerġa' jispiċċa fil-baħar u xi ilma jinxtorob mill-(qtates, bnedmin, blat) meta jsib ġebel artab.



6. Il-bdiewa jerfgħu l-ilma (fil-bramel, fil-bjar, fit-tankijiet).

7. Il-(pompi tal-ilma, baqar, vannijiet) itellgħu l-ilma li jkun merfugħ.

8. F'Malta ġieli ma tantx tagħmel xita għalhekk tajjeb li (naħlu, nħammġu, nerfgħu) l-ilma.

9. Bl-ilma l-bdiewa jistgħu (joqogħdu jgħumu, jsaqqu l-għelieqi tagħhom, iwaddbuh lin-nies)

10. Il-bdiewa jistgħu wkoll jużaw l-ilma biex (inaddfu u jisqu l-annimali, jarmuh barra, iħalltuh mal-ħamrija). **(10 x marka = 10 marki)**







**H. Kompli s-sentenzi b'dawn il-kliem.** **(10 marki)**



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| eroj | kap | poeta | Franċiżi | ġellieda |
| Imdina | Belt Valletta | Malti | Sqallija | Ħaż-Żebbuġ |

| | |
|---|---|
| In-Normanni ġew Malta minn ______________ permezz tax-xwieni tagħhom. Il-Konti Ruġġieru kien il- ____________ tagħhom. Dak iż-żmien Malta kienet taħt l-Għarab. In-Normanni kienu | |



www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| ________________ tajbin ħafna u wara li rebħu u keċċew lill-Għarab minn Malta, marru l-____________ li kienet il-belt ewlenija ta' Malta | |
| Dun Karm Psaila huwa l- _____________ nazzjonali. Hu kiteb il-kliem tal-Innu Malti. Dun Karm twieled f' _________________ u kien qassis. Bis-saħħa ta' Dun Karm l-ilsien ________________ sar aktar apprezzat. |  |
| Dun Mikiel Xerri kien jgħix f'Malta fi żmien il-_______________. Hu ftiehem ma' oħrajn biex iqumu kontrihom minħabba li kienu jaħqru ħafna lil Maltin. Dun Mikiel Xerri sparawlu fil-pjazza tal-_______________. Dun Mikiel Xerri miet għal pajjiżu u għalhekk insejħulu ____________. Qabel miet għajjat: 'Viva Malta!' |  |

**I. Ikteb ERBGĦA sentenzi fuq wieħed minn dawn: (8 marki)**

1. Immaġina li inti s-Sindku tar-raħal jew belt fejn toqgħod. Għid x'tista' tagħmel biex tħajjar nies oħra jiġu jżuru r-raħal jew belt.

2. **Ir-Raħal fejn noqgħod.**
(Dan il-kliem jista' jgħinek: l-arma tar-raħal, rħula jew bliet li jmissu miegħu, festa li tiġi ċċelebrata ...)

3. **Drawwiet tal-Milied f'pajjiżna.**
(Dan il-kliem jista' jgħinek: purċissjoni bil-Bambin, grotta, kartolini, dundjan, qagħaq tal-għasel ....)



www.StudentBounty.com

**TMIEM**



www.StudentBounty.com